**André P. DeBattista** *B.Com. (Hons.), M.A., F.R.S.A.*

# Il-Papa Piju XII u d-Domma tal-Assunta u r-Reazzjoni f'Malta

L-2019 JAHBAT IT-TMENIN ANNIVERSARJU MINN META L-KARDINAL EUGENIO PACELLI ĠIE ELETT U INKURUNAT PAPA FI PJAZZA SAN PIETRU. HA L-ISEM TA' PIJU XII, L-ISTESS ISEM LI KELLHOM TLIET PREDEĊESSURI ILLUSTRI TIEGĦU – PIJU IX, IL-PAPA TAD-DOMMA TAL-IMMAKULATA; PIJU X, IL-PAPA LI HEĠĠEĠ IT-TQARBIN TA' SPISS U PIJU XI, IL-PAPA LI KELLU JIKKUMBATTI MAR-REĠIM FAXXISTA.

Piju XII jokkupa post importanti fil-ħajja tal-Knisja Kattolika. Għal bosta snin huwa serva fis-Segreterija tal-Istat tal-Vatikan. Kien diplomatiku mill-iprem, però, bħal bosta persuni li jokkupaw karigi li jinvolvu r-relazzjonijiet bejn stat u ieħor, kien hemm xi deċiżjonijiet li kienu xi ftit kontroversjali – fosthom l-iffirmar tar-Reichskonkordat bejn il-Vatikan u l-Ġermanja fl-1933.

Kien hemm ukoll min prova jħammiġlu ismu,[1] għalkemm issa li qed jinfetħu d-dokumenti tal-arkivji ta' żmien il-Pontifikat tiegħu, qed joħroġ iktar ċar ir-rwol li kellu biex jiddefendi d-dinjità ta' kull persuna, partikolarment il-Lhud li kienu jinsabu Ruma u taħt theddida minħabba l-Leggi Razziali ta' Mussolini u, iktar tard, li kienu fil-periklu li jitiflu ħajjithom taħt l-okkupazzjoni Nazzista tal-peniżola Taljana bejn l-1943 u l-1944.[2]

Iżda f'din il-kitba qasira, ma nixtieqx niffoka fuq ir-rekord ta' dan il-Papa[3]. Minflok, nixtieq niffoka fuq dan il-Papa bħala l-Papa tad-Domma tal-Assunta; Papa li kellu devozzjoni qawwija lejn il-Verġni Maria u li għoġbu jirrikonoxxi bħala domma tal-Knisja avveniment li kien ilu fit-tradizzjoni tal-Knisja.

## ID-DEVOZZJONI MARJANA TA' PIJU XII

Eugenio Pacelli twieled fit-2 ta' Marzu tal-1876. Sa minn età żgħira, ommu rawmet fih u f'ħutu devozzjoni lejn il-Verġni Marija. Bħala familja kienu ta' spiss jinviżtaw u jitolbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna tat-Triq fil-Knisja ta' Ġesù f'Ruma ħdejn il-Casa Generalizia tal-Ġiżwiti f'Ruma. Ta' tmintax-il sena huwa ħass is-sejħa li jaqdi 'l Alla fis-saċerdozju. Irċieva l-ordinazzjoni presibeterali tiegħu nhar l-Għid il-Kbir, fit-2 ta' April tal-1899. Qaddes il-prima messa tiegħu fil-Kappella Borghese fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore. F'din l-istess kappella hemm meqjuma x-xbieha tant għażiża għar-Rumani tal-Madonna taħt it-titlu ta' Salus Populi Romani. Huwa poġġa l-ħajja saċerdotali tiegħu taħt il-protezzjoni tal-Madonna.

Kompla jitħarreġ fil-liġi kanonika u ċivili sakemm fl-1901 beda jaħdem fi ħdan il-Kongregazzjoni Straordinarja tal-Affarijiet Ekkleżjastiċi. Minn hawn bdiet ħidma diplomatika li ma taqtax; kien ir-rappreżentant tas-Santa Sede fil-funeral tar-Reġina Vittoria u parti mid-delegazzjoni tal-Vatikan fl-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V. Serva wkoll ta' nunzju appostoliku fil-Bavarja u l-Ġermanja. Qabel ma telaq għall-Bavarja, fit-tlettax ta' Mejju tal-1917, il-Papa Benedittu XV ikkonsagrah bħala Isqof. Dik il-ġurnata, fir-raħal rurali ta' Fatima fil-Portugall, tlett itfal stqarrew li kellhom dehra tal-Madonna huma u jirgħu n-nagħaġ. Fl-1930 ġie maħtur Segretarju tal-Istat tal-Vatikan minn Piju XI.

1 Ara Cromwell (1999).

2 Skont xi awturi, huwa mifhum li Piju XII salva madwar 860,000 Lhudi. Israel Zolli, iċ-chief Rabbi ta' Ruma rringrazzjah personalment wara l-Gwerra. Aktar tard, Zolli tgħammed u ħa l-isem ta' Eugenio.

3 Kotba li jagħmlu dan b'mod oġġettiv jinkludu lil Marchione (2000) u Dalin (2005).

F'dan ir-rwol huwa kellu l-opportunità li jivvjaġġa madwar id-dinja u b'hekk ikollu stampa iktar ċara tal-qagħda tal-Knisja Universali. Fl-10 ta' Frar tal-1939, il-Papa Piju XI miet wara li tah attakk tal-qalb matul il-lejl ta' qabel. F'Marzu tal-istess sena, Eugenio Pacelli ġie elett bħala l-260 suċċessur ta' San Pietru. Dan il-pontifikat kellu jħabbat wiċċu mal-agħar dittaturi tas-seklu għoxrin – in-Nazziżmu u l-Komuniżmu – u l-atroċitajiet li dawn ħallew warajhom. Kellu jgħaddi minn perjodu ta' gwerra dinjija u l-isfidi ta' wara l-gwerra. Anki matul dan il-perjodu, kienet tispikka d-devozzjoni Marjana tiegħu. Waqt il-Gwerra, fl-1942, huwa kkonsagra d-dinja lill-Immakulata Kunċizzjoni

Wara l-Gwerra, fl-1951 ħeġġeġ li titkattar id-devozzjoni lejn ir-rużarju bħala antidotu għall-problemi li kienet qed taffaċċja d-dinja[4]. Fl-1953, permezz tal-enċiklika Fulgens Corona, ħabbar l-ewwel sena Marjana fl-istorja tal-Knisja Kattolika għas-sena 1954[5]. Fl-Enċiklika Ad caeli Reginam, nieda l-festa ta' Marija Reġina.[6] Qabel iċ-ċentinarju tal-anniversarju tad-dehriet ġewwa Lourdes, Piju XII ħareġ enċiklika biex iħeġġeġ tiġdid fis-soċjetà skont ix-xewqat ta' Marija u jħeġġeġ 'il-pellegrini jitbiegħdu mill-materjaliżmu[7]. Bla dubju, però, Piju XII jibqa' magħruf għad-definizzjoni tad-Domma tal-Assunta fis-sena 1950.



Il-Papa Piju XII jagħti qima lix-xbieha Salus Populi Romani meqjuma fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore

4 Piju XII (1951).
5 Piju XII (1953).
6 Piju XII (1954).
7 Piju XII (1957).

**IT-TLUGĦ FIS-SEMA TA' MARIJA FIT-TRADIZZJONI TAL-KNISJA**

Wieħed jista' jara ħjiel ta' devozzjoni lejn il-Verġni Marija sa mis-snin bikrin tal-Knisja. Insibu referenzi għaliha fl-Iskrittura, fil-predikazzjoni tal-Knisja, fl-ewwel stqarrijiet tal-fidi, fl-arti u fl-iskultura, fl-apocrypha u l-pseudepigrapha, kif ukoll fil-kalendarju tal-festi u t-tifkiriet tal-Knisja[8].

L-ewwel rakkont sħiħ tal-ħajja tal-Verġni Marija nkiteb fis-seba' seklu. Jingħad li l-awtur kien Massimu l-Konfessur. Oriġinarjament miktub bil-lingwa Griega, it-test li għandna llum wasal għal żminijietna permezz tal-Ġorġjan antik. Il-ktieb ġie tradott bl-Ingliż għall-ewwel darba fl-2012 u jirrakkonta l-mod kif il-Madonna għexet ħajjitha fid-dawl ta' mumenti differenti tal-ħajja ta' Kristu. Naturalment, ma jonqosx ir-rakkont tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija[9].

Xhud ta' din it-tradizzjoni millenarja, hemm il-bosta figuri u rappreżentazzjonijiet ta' Marija mtellgħa s-sema flimkien mal-festa li, skont it-tradizzjoni, issir fil-15 t'Awwissu. Fil-Liturġija tal-Knisja Biżantina u tar-Rit tal-Galicia, kien hemm bosta provedimenti liturġiċi li jagħmlu referenza għal dan il-misteru tal-fidi.

Fir-Rit Ruman, il-festa tal-Assunta tiġi osservata b'mod solenni. Il-Papa San Ljun IV (790 – 855) kien ħeġġeġ li jiġu osservati wkoll il-vġili tal-festa u l-ottava tal-Assunta. Minkejja dan, il-Knisja qatt ma kienet esprimiet ruħha b'mod uffiċjali dwar din id-domma.

Bejn l-1849 u l-1940, is-Santa Sede rċeviet numru ta' petizzjonijiet minn kardinali, patrijarki, isqfijiet, qassisin u reliġjużi flimkien ma' bosta akkademiċi u lajċi li talbu 'l-Vatikan biex jiddikjara t-tlugħ fis-sema ta' Marija bħala domma tal-Knisja. Din kienet ukoll ix-xewqa ta' 'l fuq minn mitejn missier tal-Konċilju Vatikan I (1869 – 1870).

8 Aquilina & Gruber (2015).
9 Maximus the Confessor tr. Shoemaker (2012).

Fl-1 ta' Mejju tal-1946, Piju XII ħareġ ittra "in forma del tutto reservata" indirizzata lill-Isqfijiet biex jaraw jekk kienx għaqli li ssir definizzjoni formali tad-domma tal-Assunta. Deiparae Virginis Mariae tirrikonoxxi li n-nies ta' fidi qatt ma naqsu milli jinvokaw lill-Verġni Marija u juru devozzjoni xierqa lejha. Permezz ta' din l-ittra, il-Papa kien qed jistaqsi lill-Isqfijiet biex jaraw x'inhu l-ħsieb fid-djoċesijiet rispettivi – kemm fi ħdan il-kleru, kif ukoll mil-lajċi[10].

Ir-risposta li rċieva mingħand il-kleru kienet waħda pożittiva. Minkejja dan, kien hemm xi tgergir minn ħdan kommunitajiet ekkleżjali oħra. L-Isqfijiet Anglikani oġġezzjonaw peress li qalu li din id-domma kienet se tqajjem iktar differenzi duttrinali bejn id-denominazzjonijiet Insara. Minkejja dan, hemm bosta Anglikani li jaċċettaw it-tlugħ fis-sema ta' Marija[11].

**MUNIFICENTISSIMUS DEUS**

Fl-1 ta' Novembru tal-1950, il-Papa Piju XII nieda l-Kostituzzjoni Appostolika Munificentissimus Deus[12] li kienet speċifikament immirata biex tagħti definizzjoni tad-domma tal-Assunta. Filmati ta' dak iż-żmien jagħtu xi ftit ħjiel taċ-ċerimonji li tħejjew għal din l-okkażjoni[13].

Ix-xbieha meqjuma Salus Populi Romani ttieħdet f'purċissjoni lejn il-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Kienet is-sena tal-Ġubilew tal-1950. Għal dik l-okkażjoni, madwar 700,000 pellegrin marru Ruma. Magħhom kien hemm madwar 600 Isqof minn kull rokna tad-dinja. Il-Papa pproklama d-domma u wara ta l-barka appostolika[14].

Il-proklama tagħmel referenza għad-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni pproklamata minn Papa Piju IX fl-1854. Minn dakinhar kien hemm it-tama li, xi darba, l-Knisja tesprimi ruħha b'mod uffiċjali dwar it-Tlugħ fis-Sema ta' Marija. Din ix-xewqa kompliet tikber hekk kif bdew jiżdiedu l-kungressi Marjani u d-devozzjoni popolari.

Piju XII jinvoka l-infallibiltà tal-Papa li ġiet definita fl-Ewwel Konċilju tal-Vatikan u li tgħid li t-tagħlim tal-Knisja li jinsab fil-Kelma t'Alla u fit-Tradizzjoni, u li hu propost bħala twemmin, għandu jitħaddan minn dawk li jsejħu ruħhom Kattoliċi.

It-tagħlim tal-Knisja, msejjes fuq iż-żewġ pilastri tal-Iskrittura u t-Tradizzjoni, jgħallem kif Marija kellha esperjenzi ta' taħbit, inkwiet u dulur speċjalment meta rat lil binha Ġesu jmut fuq is-salib. Fl-istess ħin, il-kittieba tal-qedem kienu jemmnu wkoll li Marija daqet il-mewt. Minkejja dan, huma qatt ma setgħu jaqblu li dan l-istess ġisem li daq il-mewt – it-Tabernaklu tal-Kelma Divina – daq it-taħsir tal-qabar u sar trab u rmied. Minħabba r-rabta li Marija kellha mal-istorja tas-salvazzjoni, Alla ried joffri din il-grazzja. Permezz ta' din il-grazzja, Alla jgħolli lil Marija 'l fuq minn kwalunkwe ħolqien tiegħu.

It-tlugħ fis-Sema ta' Marija ifisser li mhux biss ġisimha ma rax taħsir imma li ħareġ igglorifikat. Hekk kif kibret din id-devozzjoni, ħafna ħassieba ppruvaw jagħtu definizzjoni tagħhom ta' xi tfisser din il-ġrajja. Il-ħassieba skolastiċi attribwew il-Mara liebsa x-xemx fil-Ktieb tal-Apokalissi bħala referenza għal Marija mtellgħa s-sema. Huwa u jagħmel sinopsi dettaljata ta' dak li nkiteb minn ħassieba oħra, Piju XII joħloq din ir-rabta bejn id-domma tal-Assunta, l-Iskrittura Mqaddsa u t-Tradizzjoni tal-Knisja. Fit-tlugħ fis-sema ta' Marija, il-Papa Piju XII jara li l-fidi tal-Insara kollha fil-qawmien minn l-imwiet, għandha tissaħħaħ peress li dan l-avveniment huwa t-tama u d-destinazzjoni ta' kull Nisrani[15].

10 Piju XII (1946).
11 Id-differenzi bejn il-Kattoliċi u l-Anglikani dwar il-Marjoloġija kienu diskussi mill-Anglican-Roman Catholic International Commission li fl-2005 ħarġet id-dokument "Mary: Grace and Hope in Christ".
12 Piju XII (1950).
13 Għall-filmat ara https://www.youtube.com/watch?v=PJcSyaRU0kc.
14 Ibid.
15 Piju XII (1950).

**IL-PROKLAMA TAD-DOMMA TAL-ASSUNTA F'MALTA**

Il-Proklama tad-Domma tal-Assunta kienet aħbar ewlenija f'Malta. Fil-ħarġa tal-ġurnal The Times of Malta tas-27 ta' Ottubru tal-1950, il-Patri Dumnikan M. Camilleri, Rettur tal-Kulleġġ ta' San Albert, kiteb artiklu biex jikkjarifika xi affarijiet għall-qarrejja. Wara li jispjega t-tifsira tal-fidi, huwa jidħol fis-sorsi tal-fidi. Fuq nett hemm il-Kotba Mqaddsa li jfissru l-iktar ġrajjiet importanti tal-fidi. Imma, Camilleri jinnota li dan ma jistax ikun l-unika sors li fih jiġu rrivelati l-għeġubijiet Divini kollha. It-tradizzjoni, kif jispjega tajjeb ferm Camilleri, hija t-tagħlim tal-Knisja li ġej minn żmien l-Appostli u li wasal għandna llum minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-fomm u sorsi oħra. Minħabba li kull persuna għandha l-fehmiet u l-interpretazzjonijiet tagħha, il-Knisja assumiet ir-rwol li tinterpreta u tikkonserva dan il-wirt. Minn dan il-lat, Camilleri jgħid li kull min ikun qed jiċħad d-dritt tal-Knisja li tippronunzja ruħha fuq materji dommatiċi, ikun qed jiċħad l-artikli kollha tal-fidi[16].

L-istess ġurnal, fl-ewwel paġna tal-edizzjoni tal-30 ta' Ottubru 1950, tirrapporta l-wasla f'Ruma ta' 28 Kardinal u 300 Isqof għall-konċistorju fejn Piju XII kien se jispjega r-raġunijiet tiegħu wara l-proklama tad-Domma tal-Assunta[17]. Il-ġurnal tal-għada jħabbar li aktar Isqfijiet waslu Ruma. L-istampa li jpinġu r-rapporti huma ta' għaqda assoluta bejn l-Isqfijiet u l-Papa[18]. Ir-rapport tat-2 ta' Novembru jagħti prominenza assoluta lil dan l-avveniment u fost l-oħrajn jirakkonta x-xeni ta' ferħ fi Pjazza San Pietru. F'Malta ma naqsux iċ-ċelebrazzjonijiet. Fil-ħin li ġiet ipproklamata l-Assunta, indaqqu l-qniepen tal-knejjes u ttajru l-bnadar minn fuq il-knejjes u l-bjut. Filgħaxija kien hemm xi illuminazzjonijiet speċjali biex ifakkru l-okkażjoni[19].

George M. Sammut, korrispondent speċjali tat-Times of Malta, kien Ruma għal din l-okkażjoni. Huwa jdewwaqna ftit minn dak li esperjenza f'dak il-jum. Bosta kienu dawk li qattgħu l-lejl fi Pjazza San Pietru biex l-għada jisbħu hemm għaċ-ċelebrazzjoni. Minkejja li l-lejl kien wieħed kiesaħ u għamlet ħafna xita fil-ġranet ta' qabel, l-għodwa tal-1 ta' Novembru kienet waħda mill-isbaħ. Sammut jiddeskriviha bħala "Heaven's own contribution to the all-round success of the occassion." L-għada, reġa' feġġ it-temp ikrah. Għal din l-okkażjoni, Malta kienet irrappreżentata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u mill-Isqof Giuseppe Pace. Sammut isemmi n-nuqqas ta' żewġ Isqfijiet, József Mindszenty ta' Esztergom u Aloysius Stepinac ta' Zagreb, li minħabba l-politika tal-Gwerra Bierda ma setgħux jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet[20].

F'Malta, ħarġet ittra ċirkolari ffirmata mill-Arċisqof Gonzi u mill-Kanċillier H. Bonnici. Fiha jispjegaw s-sehem ta' Malta fil-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta. Fit-22 ta' Settembru tal-1946, fil-Knisja tal-Mosta, fuq inizjattiva tal-Azzjoni Kattolika u l-Figli di Maria, l-Isqfijiet laqgħu t-talba tar-rappreżentanti tal-parroċċi Maltin biex iwasslu t-talba tagħhom lill-Papa biex tkun iddefinita d-Domma tal-Assunta[21].

L-Arċisqof ħabbar bosta avvenimenti speċjali. Il-Ħadd 26 ta' Novembru 1950 kellu jkun iddedikat lill-Verġni Marija u kienet se tkun iċċelebrata quddiesa pontifikali fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Wara, kien se jkun hemm purċissjoni bis-sehem tal-kappillani tal-Arċidjoċesi u, fi tmiem il-purċissjoni, kien se jitkanta t-Te Deum u jerġa' jingħad l-Att ta' Konsagrazzjoni ta' Malta lil Marija. Għal din iċ-ċelebrazzjoni saru tlett ijiem ta' tridu bi tħejjija[22].

Il-komunità akkademika riedet ukoll tfakkar dan l-avveniment. Tħejjiet serata fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt, taħt il-patroċinju tal-Arċisqof Gonzi. Attendew bosta akkademiċi rinomati, studenti universitarji, kif ukoll studenti minn diversi kulleġġi u skejjel. Il-Professur Manchè, Viċikanċillier tal-Università Rjali ta' Malta,

16 M.Camilleri (1950).
17 Times of Malta (30.X.1950).
18 Times of Malta (31.X.1950).
19 Times of Malta (2.XII.1950).
20 Sammut (1950).
21 Gonzi & Bonnici (1950).
22 Ibid.

għamel diskors fejn semma li din id-domma tiġi fi żmien ta' taqlib u tnissel tama dejjiema fi qlub dawk li jemmnu[23].

Saru tliet diskorsi akkademiċi: wieħed minn Fr C. Muscat, President tal-Royal University of Malta Students Theological Association, ieħor minn Patri S. Żarb Dumnikan u ieħor mir-Rev. Professur J. Sapiano. Patri Seraphim iddeskriva l-proklama tad-domma tal-Assunta bħala l-quċċata tas-Sena tal-Ġublew filwaqt li l-Professur Sapiano tkellem dwar l-Assunta fil-kitbiet tal-Missirijiet tal-Knisja. L-Arċisqof Gonzi kkonkluda s-serata billi qara telegramm mibgħut mill-Papa Piju XII innifsu[24].

## GĦELUQ

Kif wieħed jistà jara, il-proklama tad-domma tal-Assunta kellha mod kif tgħaqqad flimkien kemm it-tradizzjoni millenarja tal-Knisja, kif ukoll il-ħajja kontemporanja tal-fidi Kattolika. Kellha l-opportunità li tgħaqqad lill-Isqfijiet minn kull naħa tad-dinja flimkien mal-Papa; fid-dikjarazzjoni ta' infallibilità, il-Papa ma kienx qed jaġixxi waħdu iżda kellu warajh ix-xewqat u d-devozzjonijiet tal-miljuni ta' Kattoliċi minn madwar id-dinja. U kif rajna, minkejja li dan l-avveniment ġie ċċelebrat b'mod solenni f'Ruma, kien hemm ukoll dimensjoni lokali fejn il-Knisja ferħet għal dan l-avveniment. Fi ftit kliem, kien avveniment li wera verament xi tfisser li tkun Kattoliku – parti minn Knisja Universali imma li tgħix il-ħajja ta' fidi fi ħdan komunità u djoċesi partikolari.


TIMES OF MALTA

900 MIGRANTS FOR AUSTRALIA

ROTHMANS "DE LUXE" VIRGINIA CIGARETTES

CONSISTORY APPROVES DOGMA PROCLAMATION

*Holy Father Addresses 500 Cardinals and Bishops*

(Reuter's Service) VATICAN CITY, October 30.

Over 500 cardinals and bishops of the Catholic Church today unanimously approved the decision of H.H. Pope Pius XII to proclaim as an article of faith a new Dogma, the bodily Assumption of the Virgin Mary into Heaven.

KING GUSTAV VI TAKES THE OATH

DUKE OF EDINBURGH OPENING GIBRALTAR LEGISLATIVE COUNCIL

Rocket Expert On Embezzlement Charge

AUTHORITY OF DIVINE REDEEMER

UNO Crisis Over Secretary General

Spanish Inquisition Records Sold

Communist Invaders Terrorizing Tibetans

Il-ġurnal The Times of Malta tal-31 ta' Ottubru tal-1950 jirraporta dwar il-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta
Ritratti: Hajr lill-awtur

23 Times of Malta (16.XII.1950).
24 Ibid.


**BIBLIJOGRAFIJA**

Aquilina, M. u Gruber, F.W. (2015), Keeping Mary Close: Devotion to Our Lady through the Ages.

Camilleri M. (1950) Dogma of the Assumption: Proclamation by the Holy Father, f'Times of Malta, 27 Ottubru 1950, pp. 9.

Cromwell, J. (1999) Hitler's Pope.

Dalin, D.G. (2005) The Myth of Hitler's Pope.

Gonzi, M. & Bonnici, H. (1950) 'The Assumption and Malta', f'Times of Malta, 23 ta' Novembru 1950, pp. 9.

Marchione, M. (2000) Pope Pius XII: Architect for Peace .

Maximus the Confessor bi traduzzjoni ta' Shoemaker S.J. (2012), The Life of the Virgin.

Piju XII (1946) Deiparae Virginis Maria, Ittra Enċiklika mnedija fl-1 ta' Mejju 1946, ippublikata bħala enċiklika fl-Acta Apostolicae Sedis fl-1950.

Piju XII (1950) Munificentissimus Deus, Kostituzzjoni Appostolika, 1 ta' Novembru 1950.

Piju XII (1951) Ingruentium Malorum, Ittra Enċiklika, 15 ta' Settembru 1951.

Piju XII (1953) Fulgens Corona, Ittra Enċiklika, 8 ta' Settembru 1953.

Piju XII (1954) Ad caeli Reginam, Ittra Enċiklika, 11 ta' Ottubru 1954.

Piju XII (1957) Le pelerinage de Lourdes, Ittra Enċiklika, 2 ta' Lulju 1957.

Sammut, G.M. (1950) 'In the Light of the Assumption: Impressions of Unforgettable Happenings' f'Times of Malta, 8 ta' Novembru 1950, p. 9.

Times of Malta (1950) 'Holy Father Composes New Prayer for Dogma: Preliminary Consistory Today', 30 t'Ottubru 1950, p. 1.

Times of Malta (1950) 'Consistory approves Dogma Proclamation: Holy Father Addresses 500 Cardinals and Bishops', 31 t'Ottubru 1950, p. 1.

Times of Malta (1950) 'Dogma of the Assumption: Holy Father proclaims truth to millions', 2 ta' Novembru 1950, pp. 1 – 2 .

Times of Malta (1950), 'Academic Celebrations of the Dogma of the Assumption', 16 ta' Diċembru 1950, p. 9.